CRPD

# RAPPORT ANNWALI

2020

CRPD

# RAPPORT ANNWALI

2020

Kien hemm 19,705 persuni b'diżabilità reġistrati mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) fl-aħħar ta' Diċembru 2020.

Minn dawn, 15,268 kellhom diżabilità fiżika filwaqt li 3,438 kellhom diżabilità intellettwali, 2,506 persuni kellhom diżabilità psikoloġika, 1,569 kellhom nuqqas fis-smigħ u 1,571 kellhom nuqqas relatat mal-vista.*

**It-totali ma jaqblux għaliex persuni jista' jkollhom iżjed minn nuqqas wieħed.*

## Pubblikazzjoni

Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)
G5 Offices
Salvu Psaila Street
Birkirkara
BKR 9077

**Telephone** 2226 7600
**SMS biss** 7978 8555
**Indirizz Elettroniku** helpdesk@crpd.org.mt

*www.crpd.org.mt*

Dan ir-rapport kif ukoll sommarju faċli biex taqra huma disponibbli mill-uffiċċji u l-websajt tas-CRPD.

**Rapport miġbur minn** Sandra Borg - *Communications Manager, CRPD*
**Disinn** Bloom Creative
**Ritratti** Therese Debono
**Traduzzjonijiet għall-Malti** Elvin Sciberras

Pubblikat f'Mejju 2021.



# Kontenut

**4** Il-Missjoni Tagħna
**5** Daħla tal-Kummissarju
**6** Introduzzjoni tad-Diretturi
**10** L-Istruttura tas-CRPD
**12** Is-CRPD fl-2020
**16** Il-Pandemija COVID-19 u Persuni b'Diżabilità
**22** L- Investigations Unit
**27** Il-Compliance Unit
**31** It-Twaqqif tal-Enforcement Unit
**32** Is-Services Unit
**36** Is-sorveljar tal-UNCRPD
**38** DETs fl-2020
**44** L-EU Projects Unit
**47** L-Uffiċċju tas-CRPD f'Għawdex
**50** Konferenzi tas-CRPD
**52** Kampanji ta' Għarfien tas-CRPD
**56** Preżenza Diġitali tas-CRPD
**58** Allokazzjoni Finanzjarja u Staff Reklutat
**59** Konferenzi Internazzjonali

# Il-Missjoni Tagħna

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) hija impenjata li tagħmel lis-soċjetà Maltija waħda inklużiva, b'mod li l-persuni b'diżabilità jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fl-aspetti kollha tal-ħajja, billi jgawdu kwalità għolja ta' ħajja bis-saħħa ta' opportunitajiet indaqs.

Fit-twettiq ta' din il-missjoni, is-CRPD taħdem sabiex telimina kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni soċjali diretta jew indiretta kontra persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, filwaqt li tipprovdilhom l-assistenza u s-sapport meħtieġ.



# Daħla tal-Kummissarju



**Mr Oliver Scicluna**
*Kummissarju (Preċedenti)*



**Ms Samantha Pace Gasan**
*Kummissarju*

L-2020 kienet is-sena ta' COVID-19, meta persuni b'diżabilità ġew affettwati mhux biss mill-pandemija nnifisha imma iktar u iktar mill-impatt soċjali u ekonomiku li jirriżulta minn miżuri restrittivi stabbiliti biex jikkontrollaw l-imxija tagħha.

Filwaqt li inizjalment il-Kummissjoni kellha twarrab il-kors ippjanat tagħha għall-2020 - inkluż konferenzi, kampanji u l-kalendarju tax-xogħol tagħha – minnufih ħadet rwol dinamiku bħala difensur għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità.

Permezz tal-inizjattiva tal-Kummissjoni, f'April twaqqfet task force dwar id-diżabilità biex taħdem fuq moniteraġġ u tiċċalinġja tfassil ta' policies u strateġiji fis-seħħ li għandhom impatt fuq persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Is-CRPD nediet ukoll kampanja ta' għarfien, li titfa' dawl fuq il-ħajja ta' persuni b'diżabilità matul il-pandemija. Ġie kkummissjonat ukoll studju ta' riċerka permezz tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà biex jevalwa l-effetti tal-pandemija fuq il-ħajja ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

L-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni, ukoll, irrispondew għaċ-ċirkostanzi l-ġodda, billi ħadu lmenti ta' natura differenti minħabba l-pandemija. Is-servizzi ġew trasferiti online u ttieħdu miżuri biex jiżguraw it-tħaddim tajjeb tagħhom, minkejja l-isfidi l-ġodda.

Kienet sena ta' sfida, bla dubju, iżda wkoll waħda li ssaħħaħ, meta r-rwol tal-Kummissjoni li tħares id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità kien kruċjali, forsi aktar minn qatt qabel. Fi żmien ta' kriżi bla preċedent, it-tim ingħaqad flimkien biex jiżgura li l-persuni b'diżabilità jiġu inklużi f'kull deċiżjoni u f'kull bidla, kif ukoll identifika opportunitajiet ġodda għal kollaborazzjoni futura, dan kollu bil-għan li ssir differenza pożittiva fil-ħajja ta' kuljum ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

# Introduzzjoni tad-Diretturi



**Ms Rhoda Garland**
*Direttur Eżekuttiv*

Tabilħaqq ikun sottostimat jekk ngħid li l-Covid-19 kellha impatt drammatiku fuq il-ħajja ta' persuni b'diżabilità f'Malta u Għawdex, kif ukoll fuq ix-xogħol tas-CRPD matul l-2020.

Is-sena ta' qabel kont qattajt ħafna ħin nitkellem f'konferenzi barra l-pajjiż dwar l-esperjenza ta' persuni b'diżabilità f'Malta. Fl-2020 dan ix-xogħol naqas għal vjaġġ wieħed fil-Marokk biex jitkompla x-xogħol imwettaq flimkien mal-Office for Disability Issues, fir-reviżjoni u d-diskussjoni tal-assessjar ta' persuni b'diżabilità bħala parti mill-ħidma UE-Għarbija.

Il-Covid-19 daħlet Malta ftit wara l-wasla tiegħi mill-Marokk bir-riżultat li l-uffiċċji tas-CRPD ingħalqu kompletament, bl-impjegati kollha jintalbu jaħdmu mid-dar. Sabiex niżguraw li l-operat marbut mal-Karti tad-Diżabilità tal-UE u tal-blue badge jitkompla, ġie stabbilit proċess li permezz tiegħu kienet tinġabar il-posta mill-uffiċċju tagħna fi ġranet alternattivi li jien imbagħad kont nirrevedi, qabel ma tiġi mgħoddija lill-impjegati biex jaħdmu fuqha. Hawnhekk, irrid niżżi ħajr liż-żewġ messaġġiera tagħna s-Sur Andrea Gergis u s-Sur Danny Farrugia għall-isforzi siewja tagħhom fis-sewqan madwar Malta sabiex iħallu u jieħdu xogħol mingħand l-impjegati tagħna, biex niżguraw li l-proċessi tagħna jkomplu.

Il-proċedura tal-blue badge ġiet emendata biex tipprovdi lill-applikanti kollha bi blue badge temporanja valida għal sena sabiex ma jkollhomx bżonn jattendu appuntamenti ta' assessjar. Aktar tard fis-sena, meta erġajna ftaħna l-uffiċċji tagħna sabiex numru limitat ta' impjegati jkunu jistgħu jirritornaw jaħdmu fuq roster, bdejna nirrevedu dawn il-blue badges temporanji.

Minħabba kontrolli stretti ħafna fl-uffiċċju tagħna, kien hemm impatt minimu fuq il-provvista tas-servizzi tagħna minħabba l-Covid-19, bl-impjegati jaħdmu bla heda biex jiżguraw li l-klijenti tagħna jkollhom il-mistoqsijiet kollha mwieġba fil-ħin u li x-xogħol regolari tagħna jsir bl-inqas tfixkil possibbli.

Nixtieq nirringrazzja lilhom kollha għall-isforzi tagħhom matul sena li kienet ta' sfida kbira.



**Dr Bernard A. Busuttil**
*Direttur, Investigations, Compliance u Enforcement*

Wisq nibża' li nkun qed nistqarr l-ovvju billi nissottolinja l-grad singulari ta' tfixkil li l-pandemija tal-COVID-19 ġabet f'ħajjitna. Iżda wieħed ma jistax jenfasizza biżżejjed il-mod li bih din il-pandemija affettwat ħażin il-ħajja ta' persuni b'diżabilità, il-familji tagħhom, assoċjati u fornituri ta' servizz.

L-inċertezza, l-uġigħ u d-diqa mnissla mill-pandemija ġew riflessi fix-xogħol tal-Investigations Unit matul l-2020. Filwaqt li n-numru ta' każijiet ta' allegat diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità naqas drammatikament meta mqabbel mal-2019, ix-xejra tal-każijiet ippreżentati nbidlet kemxejn. Inħolqot xejra fejn in-numru ta' każijiet ippreżentati fir-rigward tal-aċċessibilità u l-edukazzjoni naqas drastikament, il-każijiet fir-rigward tal-impjiegi żdiedu b'rata ugwalment qawwija.

Ir-raġuni għal ċaqliq bħal dan tista' faċilment tiġi traċċata għall-pandemija tal-COVID-19, fejn il-fatt li tibqa' d-dar sar l-ordni tal-ġurnata, u b'hekk inqas nies kienu qed jirrappurtaw nuqqas ta' aċċessibilità jew problemi fl-iskola. Fl-aħħar każ, il-problemi nħolqu speċifikament minħabba l-għeluq tagħhom u n-nuqqas ta' servizzi provduti għal studenti b'diżabilità. Fir-rigward tal-impjiegi, aktar nies beżgħu li jiġu diskriminati minħabba miżuri relatati mal-Covid.

Il-pandemija ttestjat ukoll lis-CRPD b'mod qawwi. Madankollu l-istaff tagħha qam għall-okkażjoni. Id-deċiżjoni li l-biċċa l-kbira tas-sistemi bbażati fuq il-karta jiġu trasferiti għal cloud-based uriet li kienet l-iktar waħda ispirata, minħabba li konna kapaċi nagħmlu tranżizzjoni għax-xogħol mid-dar kważi bla xkiel. Għalhekk huwa xieraq tassew li nirringrazzja lil kulħadd fis-CRPD talli wrew l-impenn tagħhom lejn il-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.



*Ritratt ta' Therese Debono*

# Membri tal-Kunsill fl-2020

**Mr Oliver Scicluna**
*Kummissarju*

**Ms Mary Rose Attard**
*Persuna b'Diżabilità*

**Ms Lorna Callus**
*Special Olympics Malta*

**Ms Amy Camilleri Zahra**
*Rappreżentant tal-Oppożizzjoni*

**Mr Matthew Chetcuti**
*Rappreżentant tal-Gvern*

**Ms Lourdes Farrugia**
*Persuna b'Diżabilità*

**Dr Maria Victoria Gauci**
*Università ta' Malta*

**Ms Carmen Grech**
*Rappreżentant ta' Għawdex*

**Ms Marchita Mangiafico**
*Ġenitur ta' Persuna b'Diżabilità*

**Fr Martin Micallef**
*Arċidjoċesi ta' Malta*

**Ms Marthese Mugliette**
*Malta Federation of Organisations of Persons with Disability*

**Ms Carmen Muscat**
*Persuna b'Diżabilità*

**Mr Loran Ripard Xuereb**
*Deaf People Association (Malta)*

**Ms Ruth Sciberras**
*Aġenzija Sapport*

**Ms Rita Vella**
*Persuna b'Diżabilità*

## Preżenti

**Ms Rhoda Garland**
*Direttur Eżekuttiv tas-CRPD*

**Dr Bernard Busuttil**
*Direttur tal-Investigations, Compliance u Enforcement tas-CRPD*

# L-istruttura tas-CRPD

Il-membri tal-Kunsill tas-CRPD jinħatru mill-Ministeru għall-Ġustizzja Soċjali u Solidarjetà, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal (MSFC) wara konsultazzjoni ma' NGOs fis-settur, għal perjodu ta' sentejn.

Il-laqgħat tal-Kunsill tas-CRPD saru f'Jannar, April, Ġunju, Lulju u Ottubru 2020. Fost is-suġġetti diskussi, kien hemm dawn li ġejjin:

- Il-proġett ta' riċerka ta' Intervent Bikri;
- Ħidma mal-ITS bħala parti mill-istrateġija ta' tranżizzjoni 16+ tas-CRPD;
- Is-sitwazzjoni Covid-19 vis-à-vis is-settur tad-diżabilità;
- Il-proċess tal-għażla tan-nominazzjonijiet tal-Guardianship board;
- It-taskorce tad-diżabilità;
- Finanzi u baġit tas-CRPD;
- Il-proġett ta' riċerka dwar id-diżabilità u l-impjiegi;
- Kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni;
- Leġiżlazzjoni relatata mad-diżabilità;
- Emenda dwar avviż legali dwar reserved parking personalizzat;
- Il-bżonn għal allowance tal-carers;
- Studju ta' riċerka dwar l-impatt COVID-19 fuq persuni b'diżabilità.

# Is-CRPD fl-2020

## Jannar

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) tniedi 'Different is Normal', kampanja fotografika li kellha l-għan li żżid il-viżibilità ta' persuni b'diżabilità billi tpinġihom jagħmlu dak li jieħdu gost jagħmlu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Ir-ritratti ttieħdu minn Darrin Zammit Lupi.

Id-Direttur Eżekuttiv tas-CRPD Rhoda Garland tindirizza UN Development Conference dwar ICF Changeover f'Casablanca, il-Marokk.

## Marzu

Fis-7 ta' Marzu 2020 Malta rreġistrat l-ewwel każ tagħha ta' COVID. Ftit wara, is-CRPD għalqet il-bibien tagħha għall-pubbliku u kompliet bil-ħidma tagħha b'mod online.

F'Marzu wkoll, il-Kummissjoni ħarġet ir-recording ta' lekċer biex tipprovdi Disability Equality Training lill-impjegati fl-Isptar Mater Dei. Dan il-lekċer irrekordjat, li fih ukoll filmati dwar l-esperjenzi ta' persuni b'diżabilitajiet differenti f'ambjenti ta' sptar, issa jifforma parti mit-taħriġ mogħti lill-impjegati f'MDH bħala parti minn Proġett finanzjat mill-UE.

## April

F'April 2020 twaqqfet il-COVID-19 Disability Task Force li kontinwament ħadmet fuq is-sorveljar u tisfida policies u strateġiji fis-seħħ li jħallu impatt fuq il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

## Mejju

Is-CRPD nediet kampanja ta' għarfien dwar il-persuni b'diżabilità waqt il-pandemija COVID-19. Dehru filmati ta' persuni b'diżabilità jirrakkontaw ħajjithom matul il-pandemija, u filmat uffiċjali ħeġġeġ lil dawk li jfasslu policies biex jinkludu persuni b'diżabilità fid-deċiżjonijiet kollha.

Saru auditions għat-tieni filmat tal-kampanja ta' għarfien Fi Kliemna.

## Lulju

Il-Kummissjoni ppubblikat l-Equal Opportunities (EOA) report, b'informazzjoni u statistika dwar l-ilmenti kollha ppreżentati lis-CRPD għal investigazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità.

Id-Direttur Eżekuttiv tas-CRPD Rhoda Garland tindirizza l-Equinet Platform on Social Rights, Equality and Human Rights-Based Approach to Recovery in Response to COVID-19.

## Ottubru

Is-CRPD toħroġ stqarrija għall-istampa li tindika li l-miżuri tal-iskola b'rabta ma' COVID-19 ma jistgħux ikunu bi spejjeż ta' studenti b'diżabilità.

Ippubblikat ukoll studju ta' riċerka dwar l-impatt tal-pandemija COVID-19 u persuni b'diżabilità, li twettqet mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà fi ħdan l-Università ta' Malta b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni.

B'kollaborazzjoni wkoll mal-Fakultà, il-Kummissjoni organizzat 'Intersecting Identities', webinar fuq intersezzjonalità u persuni b'diżabilità, li ffoka dwar kif persuni b'diżabilità għandhom identitajiet kumplessi magħmula minn sfumaturi, interessi u aspirazzjonijiet u dawk l-aspetti kollha li jagħmluna bnedmin.

## Novembru

Wara tibdil mill-ġdid tal-kabinett, is-settur tad-diżabilità kellu l-ministeru dedikat tiegħu għall-ewwel darba, il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja.

## Diċembru

Fit-3 ta' Diċembru ssir il-konferenza annwali tas-CRPD biex timmarka l-Jum Internazzjonali ta' Persuni b'Diżabilità. B'kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni, id-Dipartiment tal-Istudji dwar id-Diżabilità fl-Università ta' Malta u Opening Doors Malta, il-webinar ġie intitolat 'The Friendships of Young People with Disabilities'.

Is-CRPD tniedi l-websajt ġdida tagħha, li tirrifletti s-settur dinamiku tad-diżabilità, bi tqassim sempliċi u stampi kbar, iddisinjati bil-ħtiġijiet varji ta' min jużaha. L-istil modern tad-disinn tagħha, inkluż ritratti reali ta' persuni b'diżabilità f'Malta u Għawdex, jipprovdi wkoll dehra ġdida għas-settur tad-diżabilità f'Malta u Għawdex.



*Ritratt ta’ Therese Debono*

# Il-Pandemija COVID-19 u Persuni b’Diżabilità

Il-pandemija COVID-19 ippreżentat sfidi mingħajr paragun mad-dinja kollha u qatgħet bosta opportunitajiet, pjanijiet u strateġiji diġà fis-seħħ. Madankollu, dawn l-isfidi ma tqassmux indaqs. ‘B’mod partikolari, il-minoranzi u l-popli indiġeni mhux biss ġarrbu l-piż tal-marda nnifisha - li jsofru infezzjonijiet sproporzjonati u rati ta’ mwiet - iżda wkoll l-effetti tar-restrizzjonijiet għall-kontroll tal-virus.’ (Avery, 2020, para. 1).

Fid-dawl ta’ dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) ħasset li kien kruċjali li titwaqqaf task force biex tissorvelja l-impatt tal-pandemija fuq is-settur tad-diżabilità. Konsegwentement, f’April 2020 twaqqfet it-Task Force tad-Diżabilità COVID-19 u minn dakinhar ħadmet kontinwament billi tissorvelja u tisfida polices u strateġiji li jħallu impatt fuq persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom.

It-Task Force hija magħmula minn individwi, entitajiet u organizzazzjonijiet differenti li huma involuti direttament fis-settur tad-diżabilità biex jiġi żgurat approċċ ħolistiku. Barra minn hekk, fi sforz biex tibqa’ ffukata u produttiva, it-Task Force hija magħmula minn sottokumitati differenti skont il-qasam ta’ kompetenza tal-membri parteċipanti.

Is-sottokumitati jinkludu Grupp Prinċipali tat-Task Force tad-Diżabilità, Kumitat tar-Riċerka, Kumitat Konsultattiv kif ukoll numru ta’ membri ad hoc li huma kkonsultati kif meħtieġ.

***B’mod partikolari, il-minoranzi u l-popli indiġeni mhux biss ġarrbu l-piż tal-marda nnifisha - li jsofru infezzjonijiet sproporzjonati u rati ta’ mwiet - iżda wkoll l-effetti tar-restrizzjonijiet għall-kontroll tal-virus.***

Matul ix-xhur li għaddew ġew indirizzati numru ta’ kwistjonijiet mit-Task Force, l-aktar billi kkollaborat mal-awtoritajiet responsabbli u sfidat ċerti deċiżjonijiet li jistgħu jħallu impatt fuq il-kwalità tal-ħajja ta’ persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom. Barra minn hekk, il-membri parteċipanti provdew feedback u ħarġu position papers dwar numru ta’ kwistjonijiet, li jvarjaw mill-ftuħ mill-ġdid tal-iskejjel u d-drittijiet ta’ viżti għal persuni b’diżabilità li jgħixu f’istituzzjonijiet fost oħrajn.


*Ritratt ta’ Therese Debono*

It-Task Force kienet ukoll f’komunikazzjoni kontinwa ma’ awtoritajiet u fornituri ta’ servizzi differenti li jieħdu ħsieb persuni b’diżabilità, bħal dawk li jipprovdu servizzi ta’ terapija, ċentri ta’ matul il-jum u djar residenzjali. Komunikazzjoni ta’ dan it-tip kienet tinkludi feedback, partikolarment dwar ir-reintegrazzjoni tal-imsemmija servizzi wara li kienu fis-seħħ restrizzjonijiet.

It-Task Force għandha l-għan li tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni attwali ta’ COVID-19 biex tiżgura li l-persuni b’diżabilità jiġu provduti fl-oqsma kollha tas-soċjetà. L-għan aħħari huwa li jiġi żgurat li l-persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom jingħataw gwida u appoġġ skont il-ħtiġijiet individwali tagħhom permezz ta’ approċċ universali.

Barra minn hekk, sar studju ta' riċerka dwar l-impatt tal-pandemija COVID-19 u persuni b'diżabilità mill-Fakultà tal-Ħarsien Soċjali fi ħdan l-Università ta' Malta b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Ir-riċerka ppreżentat kemm is-sejbiet kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet permezz ta' analiżi kwalitattiva.

Barra minn hekk, bħalissa għaddej studju ieħor ta' riċerka mir-Research Unit fi ħdan il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità li se jiffoka fuq l-impatt tal-pandemija fuq edukazzjoni inklużiva.

Barra minn hekk, twettaq xogħol ieħor fuq livell Ewropew flimkien mad-Disability High Level Group, Equinet u l-Fundamental Rights Agency fost oħrajn. Dan żgura li l-Kummissjoni tkun aġġornata kontinwament bl-aħjar prattiċi li jiġu implimentati fuq livell internazzjonali li mbagħad jistgħu jiġu rakkomandati fil-kuntest lokali.

Ix-xogħol imwettaq mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità b'rabta mal-pandemija COVID-19 kien immirat biex iħares id-drittijiet fundamentali tal-persuni b'diżabilità kollha kemm waqt il-kriżi tal-pandemija nnifisha kif ukoll fil-perjodu ta' rkupru.



*Ritratt ta' Therese Debono*




*Ritratt ta' Therese Debono*

# L-Investigations Unit



*Ritratt ta’ Therese Debono*

Is-CRPD hija responsabbli biex tiżgura li l-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs (Persuni b’Diżabilità) jiġi osservat b’mod raġonevoli. Għal dan l-għan, is-CRPD tirċievi lmenti minn persuni b’diżabilità u l-membri tal-familja tagħhom li jħossu li qed jiġu diskriminati abbażi tad-diżabilità. Barra minn hekk, is-CRPD għandha s-setgħa legali li tibda investigazzjonijiet f’każ fuq inizjattiva tagħha stess. Dawn l-investigazzjonijiet jitwettqu mill-Investigations Unit, l-Unit speċjalizzat fir-riċeviment u l-investigazzjoni ta’ lmenti dwar diskriminazzjoni minħabba diżabilità.

Kull meta jniedi investigazzjoni, dan il-unit jipprova jilħaq soluzzjoni malajr u amikevoli għall-benefiċċju tal-persuna b’diżabilità minħabba li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-diskriminazzjoni hija r-riżultat ta’ nuqqas ta’ għarfien dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabilità. Madankollu, il-unit ma jonqosx milli jieħu aktar azzjoni jekk tinqala’ l-ħtieġa u, jekk ikun meħtieġ, isegwi wkoll il-kwistjoni quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja.

Matul l-2020, il-kompożizzjoni tat-tim inbidlet ftit wara li Ms Solange Bonello ġiet promossa u mxiet f’sezzjoni oħra fi ħdan is-CRPD. Ms Josette Azzopardi ġiet impjegata bħala Assistant Manager. Il-pożizzjoni ta’ Manager s’issa għadha ma mtelitx, u d-direttur Dr Bernard A. Busuttil għandu rwol attiv fi ħdan il-unit.

## Statistika

Matul il-perjodu taħt reviżjoni, l-Unit irċieva 475 talba għal investigazzjonijiet. Il-maġġoranza ta’ dawn ir-rapporti ġew ippreżentati b’rabta mal-allegat użu ħażin jew abbuż ta’ blue badge (230), filwaqt li tressqu 88 rapport relatati ma’ kwistjonijiet ta’ aċċessibilità.

***Matul il-perjodu taħt reviżjoni, l-Unit irċieva 475 talba għal investigazzjonijiet.***

L-ilmenti fir-rigward tas-settur tal-edukazzjoni ammontaw għal 39 mill-għadd totali ta’ lmenti, filwaqt li l-Unit irċieva 39 ilment dwar l-għoti ta’ oġġetti, servizzi u faċilitajiet.

Kien hemm ukoll 42 ilment relatat mal-impjiegi, 24 relatat mal-akkomodazzjoni, 8 ilmenti relatati mal-għoti ta’ servizzi tas-saħħa u 5 allegat ksur tad-drittijiet ta’ persuni b’diżabilità.

| Qasam | 2019 | 2020 | Bidla |
|---|---|---|---|
| Aċċessibilità | 174 | 88 | -49% |
| Edukazzjoni | 106 | 39 | -63% |
| Oġġetti, Servizzi u Faċilitajiet | 58 | 39 | -33% |
| Impjieg | 24 | 42 | 75% |
| Akkomodazzjoni | 26 | 24 | -8% |
| Saħħa | 6 | 8 | 33% |
| Drittijiet | 6 | 5 | -17% |
| Blue Badge | 229 | 230 | 0% |
| **Total** | **629** | **475** | **-24%** |

Barra minn hekk, l-Investigations Unit intalab jagħti pariri lill-pubbliku dwar 84 każ u talab lill-uffiċjali tekniċi mill-Unit tal-Compliance biex iwettqu 117-il spezzjoni fuq il-post, sabiex jiddeterminaw il-livell ta’ aċċessibilità fuq il-post li kien is-suġġett ta’ investigazzjoni.

Dawn iċ-ċifri se jiġu analizzati f’aktar dettall fir-rapport annwali li jikkonċerna l-ħidma mwettqa fl-eżerċizzju dirett ta’ dan l-Att. Dan japplika wkoll għall-ħidma mwettqa mit-Test of Reasonableness Board, peress li rapport dwar dan tal-aħħar huwa ppreżentat fir-Rapport Annwali tal-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs.

## Studji ta' Każijiet

### Każ 1

Raġel li jgħix f'dar ta' seba' persuni, li tnejn minnhom huma wliedu b'diżabilità, kien qed jiffaċċja l-iżgumbrament wara azzjoni tal-qorti meħuda mis-sid. Ir-raġel irrikorra għas-CRPD għall-għajnuna wara li ġie infurmat mill-Awtorità tad-Djar li jista' jiġi megħjun biss ladarba tkun ingħatat sentenza finali.

Is-CRPD ikkuntattjat lill-Awtorità tad-Djar u ntlaħaq ftehim li bih il-familja ġiet allokata akkomodazzjoni soċjali minħabba l-bżonnijiet partikolari tagħha.

### Każ 3

Il-ġenitur ta' student b'diżabilità lmenta li l-lift fl-iskola ta' binha ma kienx għadu jiffunzjona. Dan irriżulta f'nuqqas ta' aċċess għal binha u studenti oħra, speċjalment minħabba li setgħu jaċċessaw il-faċilitajiet tat-twaletta biss permezz tal-lift.

Is-CRPD ikkuntattjat l-iskola, u l-lift ġie rranġat fi ftit jiem. Is-CRPD kellha aktar komunikazzjoni mat-tmexxija tal-iskola, li għen biex jiġu provduti soluzzjonijiet temporanji alternattivi meta l-lift ma jibqax tajjeb.

### Każ 2

Is-CRPD irċeviet telefonata mingħand omm ta' żagħżugħ b'diżabilità intellettwali li kien ilu tliet xhur l-isptar waqt it-tifqigħa ta' COVID-19.

Waqt li kienet l-Isptar Mater Dei, l-omm ingħatat konċessjoni speċjali biex iżżur lil binha f'ħinijiet aktar frekwenti, peress li kien suxxettibbli li jemmen li l-familja tiegħu abbandunawh u kien qed iħossu mitluf u konfuż.

Meta ġie trasferit lejn l-Isptar Karin Grech, l-omm talbet lis-CRPD biex tintervjeni sabiex jingħataw drittijiet simili ta' żjarat. Is-CRPD ikkuntattjat lill-awtoritajiet tal-isptar li taw lill-mara żjarat aktar frekwenti minħabba l-benesseri mentali ta' binha.

### Każ 4

Il-progressjoni fil-karriera ta' raġel fi ħdan entità tal-gvern kienet imwaħħla minħabba n-nuqqas intellettwali tar-raġel. Fl-istennija ta' promozzjoni imminenti, ir-raġel intalab jipproduċi ċertifikat ta' Livell 4, anke jekk kien intitolat għal progressjoni awtomatika fi tmiem perjodu ta' ħames snin impjegat mal-entità, bis-saħħa ta' ftehim iffirmat bejn l-entità u trejdjunjin. Fil-fatt, ħadd minn sħabu mingħajr diżabilità ma ġie mitlub jipproduċi tali ċertifikat.

Permezz tal-intervent tas-CRPD kemm mal-unjin kif ukoll mal-entità governattiva, min għamel l-ilment ġie assigurat li kien se jiġi promoss awtomatikament mat-tlestija tal-perjodu mandatorju ta' ħames snin.

### Każ 5

L-omm ta' żewġt itfal tal-iskola b'diżabilità kkuntattjat lis-CRPD fejn sostniet li l-Learning Support Educators assenjati fuq bażi full-time one-to-one ma' kull wieħed minn uliedha ma kinux qed jgħinuhom waqt it-tagħlim onlajn minħabba l-għeluq tal-iskejjel relatati mal-COVID. Is-CRPD irrapportat il-każ lin-National School Support Services li, min-naħa tagħha, ikkoordinat mal-Inclusion Coordinator tal-iskola.

L-iskola kkonfermat li ż-żewġ studenti, li huma medikament vulnerabbli, intalbu jkomplu l-iskola tagħhom fuq bażi virtwali u ġiet żgurata assistenza xierqa mil-LSEs tagħhom.



*Ritratt ta’ Therese Debono*

# Il-Compliance Unit

Il-Compliance Unit huwa responsabbli għall-moniteraġġ, l-awditjar, l-għoti ta’ pariri u ċ-ċertifikazzjoni tal-applikazzjonijiet li jsiru għall-iżvilupp ta’ bini li huwa miftuħ għall-pubbliku. L-Unit jaħdem ma’ periti u żviluppaturi biex jiżgura li l-pjanti li jiġu eventwalment approvati jkunu aċċessibbli għal persuni b’diżabilità.

Wara t-tibdil li kien hemm fil-kompożizzjoni tal-istaff fl-2019, l-unit żamm din il-kompożizzjoni matul is-sena taħt reviżjoni.

***L-Unit jaħdem ma’ periti u żviluppaturi biex jiżguraw li l-pjanti li jiġu eventwalment approvati huma aċċessibbli għal persuni b’diżabilità***

Ir-rwol tal-unit huwa primarjament dak li jirċievi applikazzjonijiet ta’ ppjanar mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-kunsiderazzjoni tiegħu dwar jekk humiex konformi mal-Access for All Design Standards. Fejn il-pjanti ma jkunux konformi, l-esperti tekniċi fil-Unit jippreparaw rapport li juri l-emendi li jeħtieġ isiru sabiex jiġi approvat l-iżvilupp.

Fil-każ ta’ bini ġdid, l-applikant huwa meħtieġ li jikseb ċertifikat mis-CRPD li jiddikjara li l-pjanti huma konformi mal-Linji Gwida dwar l-Aċċess għal Kulħadd, qabel ma l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ ċertifikat ta’ konformità li jippermetti li l-ilma u l-elettriku jkunu konnessi mal-iżvilupp.

L-Unit joffri servizz ta’ konsultazzjoni fl-uffiċċji tal-Awtorità tal-Ippjanar nhar ta’ Erbgħa, fejn espert tekniku tas-CRPD jipprovdi pariri tekniċi dwar l-aċċessibilità fiżika lil dawk li jinsabu fil-proċess li jressqu applikazzjonijiet għall-iżvilupp.

F’każijiet fejn il-bini ma jistax isir aċċessibbli għal kulħadd jew ma jistax ikun kompletament aċċessibbli għal kulħadd skont l-Access for All Design Standards, l-applikant jista’ jidher quddiem it-Test of Reasonableness Board (TORB). Dan huwa bord li jikkunsidra eżenzjonijiet għal raġunijiet tekniċi u finanzjarji. Dan il-bord jiltaqa’ kull xahar biex jisma’ l-każijiet.

## Statistika

Fl-2020, l-Unit irreveda 4,030 applikazzjoni. Minn dawn 611 ġew approvati, 2,819 ma ġewx approvati u 600 waqgħu taħt il-parametru taċ-Ċirkulari tal-MEPA 2/14 u għaldaqstant ġew esklużi milli jiġu vvettjati mis-CRPD.

| Ivvettjar ta' Applikazzjonijiet tal-Ippjanar | Total | Persentaġġ |
|---|---|---|
| Approvati | 611 | 15% |
| Mhux Approvati | 2,819 | 70% |
| Ċirkulari tal-MEPA 2/14 | 600 | 15% |
| **Total** | **4,030** | |

L-uffiċjali tal-Unit wettqu wkoll 307 spezzjoni fuq il-post qabel ma rrakkomandaw il-ħruġ ta' Compliance Certificate, li mingħajru wieħed ma jistax japplika għall-elettriku u l-ilma. Minn dawn, 133 instabu li kienu konformi filwaqt li 174 ma kinux konformi.

| Spezzjonijiet fuq Siti tal-Bini | Total | Persentaġġ |
|---|---|---|
| Konformi | 133 | 43% |
| Mhux Konformi | 174 | 57% |
| **Total** | **307** | |

L-Unit jitlob il-ħruġ ta' garanziji bankarji favur is-CRPD kull meta jirċievi applikazzjoni għal compliance certificate sabiex tinħareġ skont l-Artiklu 102(2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kapitlu 552 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-bini ma jkunx jissodisfa l-permess tal-ippjanar tiegħu. It-tabella li ġejja turi l-figuri għall-2020.

| Garanziji tal-Bank | Numru | Valur |
|---|---|---|
| Garanziji tal-bank maħruġa | 4 | €48,446 |
| Garanziji tal-bank imġedda | 13 | €56,764 |
| Garanziji tal-bank rilaxxati | 2 | €4,300 |
| Garanziji tal-bank rilaxxati | 0 | €0 |
| **Total** | **19** | **€109,510** |

Fl-2020, it-TORB sema' 90 każ, li minnhom 35 kienu eżentati kompletament, 4 ġew eżentati parzjalment u 19 kienu eżentati b'kundizzjonijiet stabbiliti. Total ta' 21 talba għal eżenzjoni tqiesu mhux raġonevoli u għalhekk ġew miċħuda.

| Każijiet tat-TORB | Total | Persentaġġ |
|---|---|---|
| Eżentati għalkollox | 35 | 39% |
| Eżentati parzjalment | 4 | 4% |
| Eżentati b'kundizzjoni | 19 | 21% |
| Mhux eżentati | 21 | 23% |
| Irtirati, pjanti emendati, informazzjoni provduta mhix biżżejjed | 11 | 12% |
| **Total** | **90** | |



Ritratt ta' Therese Debono



# It-Twaqqif tal-Enforcement Unit

Fl-2018, is-CRPD bdiet il-proċess biex jitwaqqaf Enforcement Unit, wara li osservat li, għalkemm kellha l-fakultà legali li tieħu azzjoni kontra dawk li kienu qed joħolqu diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità, hija ma kellhiex is-setgħa li tinforza d-deċiżjonijiet tagħha b'mod legali u b'mod veloċi. Għal dan l-għan, hija bdiet tesplora modi kif hija tkun tista' tarma ruħha sabiex tibda tinforza d-deċiżjonijiet tagħha. Għalhekk ġie deċiż li jitwaqqaf Enforcement Unit fi ħdan is-CRPD.

Fl-2019, is-CRPD wettqet analiżi tal-leġiżlazzjoni attwali u identifikat il-bidliet li jeħtieġ li jkunu effettwati sabiex is-CRPD tkun tista' tinforza d-deċiżjonijiet tagħha.

Sadattant, is-CRPD impjegat persuna b'esperjenza preċedenti ta' infurzar biex jiġi mħarreġ bħala enforcement officer u jikkontribwixxi l-esperjenza tiegħu għat-twaqqif tal-unit. It-taħriġ jinkludi familjarizzazzjoni mal-leġiżlazzjoni attwali marbuta ma' diżabilità, is-sensibilizzazzjoni għall-effetti negattivi ta' ksur ta' drittijiet relatati ma' diżabilità, u aspetti tekniċi tal-istandards li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tad-diżabilità.

Matul l-2020, saru tħejjijiet għall-impjieg tat-tieni uffiċjal tal-infurzar, bil-persuna tiġi identifikata; madankollu, minħabba ċirkostanzi mhux previsti l-impjieg tiegħu kellu jiġi pospost għas-sena sussegwenti.

Ladarba jitwaqqaf, l-unit komplut f'dak kollu neċessarju se jkun qed iwettaq tliet kompiti ewlenin: jieħu azzjoni immedjata, jipprovdi infurzar legali u jgħin fit-trażżin ta' abbuż u użu ħażin tal-Blue Badge.

# Is-Services Unit



*Ritratt ta' Therese Debono*

Is-Services Unit huwa l-frontline tas-CRPD fejn ħafna mill-klijenti tagħna jistgħu jiksbu l-informazzjoni li għandhom bżonn relatata ma' għadd sħiħ ta' oqsma fis-settur tad-diżabilità. It-tim tas-servizzi huwa prinċipalment responsabbli li jirreġistra klijenti biex jipprovdilhom EU Disability Cards u blue badges tal-parking kif ukoll jipprovdi informazzjoni dwar il-One-Stop shop fejn il-klijenti jistgħu japplikaw ukoll għal dawn il-cards. Il-manager tas-servizzi huwa wkoll responsabbli li jieħu ħsieb is-sistema tal-IT tas-CRPD.

Meta klijent japplika biex jiġi reġistrat mas-CRPD jingħata EU Disability Card li tipprovdilu aċċess għal servizzi oħra offruti mill-Gvern u tippermettilu wkoll li jirċievi benefiċċji offruti lil seba' pajjiżi oħra tal-UE li joperaw ukoll l-iskema tal-EU Disability Card.

Il-klijenti jistgħu japplikaw ukoll għal blue badge tal-parking li tippermettilhom jipparkjaw fi blue bays tal-parking komunali f'Malta u Għawdex. Ċerti klijenti li huma eliġibbli għal blue badge jistgħu japplikaw ukoll għand Transport Malta għal blue bay tal-parking personalizzat li jkun viċin ir-residenza tagħhom u għall-użu personali tagħhom biss.

Meta tiskadi blue badge, it-tim tas-Servizzi jipproċessa l-applikazzjoni biex din tiġġedded u l-blue badge l-ġdida tingħata lill-klijent meta l-blue badge skaduta tingħata lura lis-CRPD. Dan huwa meħtieġ peress li l-blue badge hija dokument legali u l-għan tas-CRPD huwa li tnaqqas l-abbuż tal-blue badges.

It-tim tas-Servizzi jaħdem flimkien mal-Enforcement Unit tas-CRPD li jiġbor blue badges skaduti biex jiġi żgurat li d-database tas-CRPD tinżamm aġġornata.

Matul is-sena, inġabru 2,159 blue badges mis-CRPD. Kemm il-blue badges kif ukoll l-EU Disability Cards jiġu stampati minn stampatur professjonali u jinkludu diversi elementi ta' sigurtà mmirati biex ikomplu jnaqqsu l-abbuż tal-Cards minħabba l-ikkupjar.

Bħala riżultat tar-restrizzjonijiet ta' Covid-19 tqassmu blue badges u nġabru blue badges skaduti b'mod personali billi l-uffiċċji tas-CRPD baqgħu magħluqa għall-klijenti biex jipproteġu l-impjegati tas-CRPD. Covid-19 wassal ukoll għal tnaqqis fin-numru ta' applikazzjonijiet tal-EU Disability Cards u tal-blue badges.

| | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| Blue Badges Miġbura | 2,501 | 2,159 |
| Maħruġa | 2,615 | 2,171 |
| Imġedda | 1,161 | 1,000 |
| EU Disability Cards | | |
| Maħruġa | 4,369 | 3,134 |
| Imġedda | 1,480 | 1,168 |

| EU Disability Cards Maħruġa Skont **is-Sess** u **l-Età** | | | |
|---|---|---|---|
| **Età** | **Irġiel** | **Nisa** | **X** |
| 0 - 4 | 29 | 14 | |
| 5 – 16 | 124 | 50 | |
| 17 – 30 | 116 | 80 | |
| 31 – 60 | 360 | 332 | 1 |
| 61+ | 1,004 | 1,024 | |

| EU Disability Cards Maħruġa Skont **is-Sess** u **t-Tip ta' Diżabilità** | | | |
|---|---|---|---|
| **Diżabilità** | **Irġiel** | **Nisa** | **X** |
| Fiżika | 1,317 | 1,287 | 1 |
| Smigħ | 113 | 113 | |
| Vista | 121 | 134 | |
| Intellettwali | 290 | 237 | |
| Psikosoċjali | 249 | 197 | |

| Blue Badges Maħruġa Skont **is-Sess** u **l-Età** | | | |
|---|---|---|---|
| **Età** | **Irġiel** | **Nisa** | **X** |
| 0 - 4 | 16 | 10 | |
| 5 – 16 | 67 | 29 | |
| 17 – 30 | 49 | 35 | |
| 31 – 60 | 247 | 246 | 1 |
| 61+ | 789 | 682 | |

| Blue Badges Maħruġa Skont **is-Sess** u **t-Tip ta' Diżabilità** | | | |
|---|---|---|---|
| **Diżabilità** | **Irġiel** | **Nisa** | **X** |
| Fiżika | 1,052 | 916 | 1 |
| Smigħ | 51 | 52 | |
| Vista | 85 | 96 | |
| Intellettwali | 114 | 110 | |
| Psikosoċjali | 115 | 95 | |

# Is-sorveljar tal-UNCRPD


*Ritratt ta' Therese Debono*

Malta ffirmat il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Protokoll Fakultattiv f'Marzu 2007, li ġew ratifikati f'Ottubru 2012 u daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2012. Il-Kummissjoni għad-Dritt ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) inħatret Mekkaniżmu Indipendenti tal-UNCRPD biex tipproteġi, tippromwovi u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

Il-moniteraġġ jitwettaq mill-UNCRPD and DET Unit tas-CRPD. Bħala parti mix-xogħol tiegħu, dan il-unit jikkonsulta regolarment ma' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom biex jissorvelja s-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' diversi artikoli tal-UNCRPD. Dan jitwettaq l-aktar permezz ta' laqgħat u stħarriġ mibgħut lil NGOs, DPOs u persuni reġistrati mas-CRPD, kif ukoll laqgħat mal-Kumitat Konsultattiv tas-CRPD tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali.

Matul l-2020, dan il-unit għamel stħarriġ qasir dwar l-Artikolu 24 tal-UNCRPD - Edukazzjoni. Dan l-istħarriġ intbagħat lil NGOs u DPOs u lil persuni reġistrati mas-CRPD. Ir-rispons li daħal mingħand il-195 persuna li wieġbu għal dan l-istħarriġ, li kien jinkludi l-aktar persuni b'diżabilità kif ukoll il-ġenituri u l-qraba tagħhom, enfasizza diversi aspetti importanti u sfidi li jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabilità fis-sistema edukattiva Maltija. Rapport tar-riżultati ta' dan l-istħarriġ qasir inħareġ u ġie ppubblikat fuq il-websajt tas-CRPD u ntbagħat ukoll lill-partijiet interessati rilevanti.

Dan il-unit kompla jaħdem ukoll fuq service-user evaluation tad-djar residenzjali tal-Aġenzija Sapport, bħala parti mix-xogħol ta' moniteraġġ b'rabta mal-Artikolu 19 tal-UNCRPD – Għajxien b'mod indipendenti u inklużiv fil-komunità. Matul l-2020, dan il-unit wettaq intervisti mar-residenti kif ukoll mal-mexxejja tad-djar residenzjali tal-Aġenzija Sapport, inkluż il-Mosta, Ħaż-Żabbar, l-Imtarfa u Bormla. Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, l-intervisti kellhom jitwaqqfu, madankollu dawn se jerġgħu jibdew hekk kif ikun possibbli.

***Dan il-unit jikkonsulta regolarment ma' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom biex tissorvelja s-sitwazzjoni attwali***

Barra minn dan ta' hawn fuq, stħarriġ qasir ieħor dwar Assistenti Personali għal Ħajja Indipendenti nħareġ fi Frar 2020 b'rabta mal-Artikolu 19 tal-UNCRPD. Dan l-istħarriġ qasir intbagħat lil NGOs u DPOs u lil persuni reġistrati mas-CRPD. Ir-riżultati tal-istħarriġ ġew analizzati u se jintużaw waqt konferenza li jmiss dwar Assistenti Personali, li kellha tiġi posposta minħabba s-sitwazzjoni COVID-19.

# DETs fl-2020

L-UNCRPD and DET Unit kompla jagħti sessjonijiet ta’ Disability Equality Training (DET) lil diversi entitajiet pubbliċi u privati fl-2020, minkejja s-sitwazzjoni COVID-19. Il-maġġoranza tas-sessjonijiet ta’ taħriġ saru online permezz ta’ konferenzi bil-vidjow. Is-sessjonijiet jitwasslu mill-istaff tas-CRPD li għandhom diżabilità u numru ta’ filmati jintwerew ukoll matul is-sessjonijiet. Dan il-unit jippromwovi taħriġ dwar l-Ugwaljanza tad-Diżabilità fuq bażi kontinwa permezz ta’ imejls mibgħuta lil diversi entitajiet pubbliċi u privati.

L-UNCRPD and DET Unit jitlob ukoll regolarment għal feedback dwar sessjonijiet ta’ awareness raising dwar id-diżabilità mwettqa mis-CRPD billi jibgħat stħarriġ lil contact persons ta’ entitajiet u organizzazzjonijiet li rċevew dan it-taħriġ. Rapport ta’ evalwazzjoni nħareġ fl-2020, ibbażat fuq ir-rispons li daħal permezz ta’ dan l-istħarriġ għal sessjonijiet ta’ taħriġ mogħtija mis-CRPD fl-2018 u l-2019. Ir-rispons ġenerali kien pożittiv u juri li Disability Equality Training u sessjonijiet oħra ta’ awareness raising huma effettivi biex ikun hemm iżjed għarfien dwar kwistjonijiet ta’ diżabilità. Fuq nota oħra, ir-rispons u r-rakkomandazzjonijiet li tressqu ser jiġu kkunsidrati biex titjieb il-kwalità tat-taħriġ li qed jingħata bħalissa.

Barra minn dan ta’ hawn fuq, dan il-unit ħadem ukoll fuq ir-recording ta’ lekċer biex jipprovdi Disability Equality Training lill-impjegati li jaħdmu fl-Isptar Mater Dei. Dan il-lekċer rekordjat, li fih ukoll filmati dwar l-esperjenzi ta’ persuni b’diżabilità differenti f’ambjenti ta’ sptar, ġie ffinalizzat fix-xhur bikrin tal-2020 u issa jifforma parti mit-taħriġ mogħti lill-istaff li jaħdem MDH bħala parti minn Proġett finanzjat mill-UE. Matul l-2020, is-sessjoni rekordjata ntweriet 38 darba bħala parti mill-*Professional Interpersonal Skills with Patient and Relative Programme*, u 12-il darba bħala parti mill-kors *Managing People Professionally*.

It-tabella hawn taħt turi s-sessjonijiet kollha ta’ Disability Equality Training mogħtija matul l-2020:

| Organizzazzjoni | Data | Numru li attendew |
|---|---|---|
| **Jannar – Marzu 2020** | | |
| Żejtun Primarja B | 10 ta’ Jannar | 50 |
| Kunsill Lokali San Ġiljan | 17 ta’ Jannar | 8 |
| Birkirkara Primarja *Kinder School* | 24 ta’ Jannar | 30 |
| Filming ta’ sessjoni ta’ DET lil staff ta’ MDH | 27 ta’ Jannar | 20 |
| Studenti tal-ITS | 3 ta’ Frar | 30 |
| Diversity Group GCHS, Higher Secondary | 5 ta’ Frar | 200 |
| Studenti tal-ITS | 6 ta’ Frar | 20 |
| Studenti tal-ITS | 17 ta’ Frar | 30 |
| Studenti tal-ITS | 20 ta’ Frar | 20 |
| Outlook Coop | 20 ta’ Frar | 1 |
| Studenti tal-ITS | 24 ta’ Frar | 30 |
| Studenti tal-ITS | 27 ta’ Frar | 20 |
| Studenti tal-ITS | 2 ta’ Marzu | 30 |
| ITS - Tour Guides | 2 ta’ Marzu | 6 |
| Studenti tal-ITS | 5 ta’ Marzu | 20 |
| Studenti tal-ITS | 9 ta’ Marzu | 30 |
| eCabs - Taħriġ lil Xufiera | 10 ta’ Marzu | 8 |
| eCabs - Taħriġ | 11 ta’ Marzu | 15 |
| Studenti tal-ITS | 12 ta’ Marzu | 15 |
| Ernst & Young *Sessjoni bi Skype* | 20 ta’ Marzu | 12 |
| Outlook Coop | 30 ta’ Marzu | 1 |
| | | |
| Kulleġġ ta’ Għawdex, Skola Primarja *Year 6* | 13 ta’ Jannar | 20 |
| Studenti tal-ITS ta’ Għawdex | 12 ta’ Frar | 4 |
| Studenti tal-ITS ta’ Għawdex | 19 ta’ Frar | 4 |
| Studenti tal-ITS ta’ Għawdex | 26 ta’ Frar | 4 |
| Studenti tal-ITS ta’ Għawdex | 4 ta’ Marzu | 4 |
| Studenti tal-ITS ta’ Għawdex | 11 ta’ Marzu | 4 |

| Organizzazzjoni | Data | Numru li attendew |
|---|---|---|
| **April – Ġunju 2020** | | |
| ITS Guest Lecturer | 20 ta' April | 8 |
| ITS Guest Lecturer | 23 ta' April | 8 |
| ITS Tutorial | 24 ta' April | 4 |
| ITS Tutorial | 29 ta' April | 5 |
| ITS Guest Lecturer | 30 ta' April | 10 |
| UOM (Fakultà tal-ICT) – Sessjoni ta' Awareness fuq Aċċessibilità tal-Web | 30 ta' April | 3 |
| DET Pulizija – Rekluti Ġodda | 2 ta' Ġunju | 12 |
| DET Pulizija – Rekluti Ġodda | 8 ta' Ġunju | 13 |
| **Lulju – Settembru 2020** | | |
| MCCAA | 1 ta' Lulju | 24, 22 |
| Segretarjat Assistenza Soċjali | 24 ta' Lulju | 25 |
| Segretarjat Assistenza Soċjali | 27 ta' Lulju | 32 |
| MFCS | 31 ta' Lulju | 20 |
| Outlook Coop | 3 ta' Awwissu | 1 |
| MEAD | 24 ta' Awwissu | 2 |
| Identity Malta | 26 ta' Awwissu | 30 |
| ESF Project - MDH Staff Sessjoni Extra Online | 11 ta' Settembru | 8 |
| SCSA | 16 ta' Settembru | 12 |
| Esplora | 24 ta' Settembru | 20 |
| Pjazza Teatru Rjal - Arts Council Malta | 30 ta' Settembru | 5 |
| NCFHE (National Commission for Further and Higher Education) | 5 ta' Ottubru | 15, 12 |
| **Ottubru – Diċembru 2020** | | |
| eCabs | 6 ta' Ottubru | 6 |
| Kummissarju Għat-Tfal | 7 ta' Ottubru | 4 |
| eCabs | 8 ta' Ottubru | 6 |
| Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Barranin | 21 ta' Ottubru | 1 |
| eCabs | 6 ta' Novembru | 8 |
| eCabs | 9 ta' Novembru | 7 |
| LESA - rekluti ġodda | 13 ta' Novembru | 20 |
| Palazzo Falson | 16 ta' Novembru | 1 |
| eCabs | 23 ta' Novembru | 4 |
| DET PC - Rekluti | 24 ta' Novembru | 33 |
| DET PC - Rekluti | 25 ta' Novembru | 33 |
| UOM (Fakultà tal-ICT) Stakeholders meeting – Sessjoni ta' awareness fuq aċċessibilità tal-web | 16 ta' Diċembru | 20 |
| **Total** | | **1,070** |




*Ritratt ta’ Therese Debono*

# L-EU Projects Unit

## ESF 2.63 Project
## Knowledge, Training, Communications And Support Measures In Support Of Vulnerable Groups

Dan il-proġett qed jiġi implimentat mill-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Is-CRPD hija waħda mill-organizzazzjonijiet imsieħba.

Fl-2020, is-CRPD ħadmet fuq dan li ġej:

**Riċerka dwar is-sitwazzjoni attwali tal-persuni b'diżabilità u l-impjieg f'Malta**
Matul l-2020, is-CRPD ħadmet mal-kuntrattur tar-riċerka, Ernst and Young fit-tlestija tal-proġett. Minħabba Covid-19, l-intervisti mal-parteċipanti kienu diffiċli biex jiġu rranġati u l-proġett ittardja. Is-sejbiet tar-riċerka ġew ippubblikati fi Frar 2021, inkluż il-pubblikazzjoni ta' linji gwida għal min iħaddem. Saret ukoll konferenza biex tirreklama x-xogħol fi Frar 2021, meta tlestiet ir-riċerka.

**Riċerka dwar servizzi ta' intervent bikri f'Malta**
Is-CRPD qed taħdem mal-kuntrattur tar-riċerka, Ernst and Young biex inħarsu lejn servizzi ta' intervent bikri disponibbli għal persuni b'diżabilità f'Malta u tidentifika kwalunkwe ħtiġijiet mhux milħuqa u nuqqasijiet.

Saru intervisti mal-ġenituri ta' tfal b'diżabilità u l-analiżi ta' dawn is-sejbiet tlestiet. Qed jiġu skedati focus groups. Bħalma kien il-każ fir-riċerka dwar l-impjiegi, Covid wasslet għal diffikultajiet fit-tlestija tal-proġett, li se jkun finalizzat fl-2021.

**Riċerka fuq l-għarfien dwar id-diżabilità fost il-professjonisti**
Is-CRPD flimkien mal-kuntrattur tar-riċerka, Outlook Coop, intervistaw persuni b'diżabilità, akkademiċi u professjonisti f'varjetà ta' oqsma biex jiskopru t-tip ta' ostakli u sfidi li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità fir-rigward ta' aċċess ekwu u użu ta' prodotti u servizzi f'Malta.

Bħala riżultat ta' Covid-19, l-ebda impjegat tas-CRPD ma ntbagħat barra mill-pajjiż għat-taħriġ matul l-2020.

## Ir-Rispons Mogħti Dwar Diversi Proġetti Finanzjati mill-UE

Fuq it-talba tal-Management Authority, is-CRPD provdiet rispons dwar diversi proġetti finanzjati mill-ERDF u l-ESF u kif dawn jistgħu jitjiebu biex jieħdu inkunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet tad-diżabilità.



*Ritratt ta' Therese Debono*

## Proġett *Autism Spaces for All*

Dan il-proġett qed jiġi implimentat minn Prisms flimkien mas-CRPD u organizzazzjonijiet oħrajn imsieħba. L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li joħloq bidla fil-komunità billi jaġġusta ambjenti b'mod li jkunu aktar aċċessibbli għal persuni bl-awtiżmu billi:

- Jipprovdi gwida professjonali u taħriġ onlajn akkreditat lill-impjegati dwar l-awtiżmu;
- Joħloq Autism Friendly Award;
- Joħloq websajt u app li jkun fihom informazzjoni u postijiet ta' servizzi u ħwienet li ġew ippremjati;
- Issir kampanja ta' informazzjoni indirizzata lil dawk li jużaw dawk il-ħwienet u servizzi li ġew ippremjati. Il-konsorzju tal-proġett jikkonsisti fi Prisms, is-CRPD u Aġenzija Żgħażagħ f'Malta, Learning Designers (Spanja) u l-Macedonian Scientific Society for Autism (Maċedonja). Il-proġett huwa finanzjat minn Erasmus +.



*Ritratt ta' Therese Debono*



# L-Uffiċċju tas-CRPD f'Għawdex

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) għandha wkoll fergħa f'Għawdex, li tinsab fi ħdan il-Kulleġġ ta' Għawdex, Skola Primarja Ta' Sannat. L-uffiċċju jservi ta' helpdesk biex jiġu ffaċilitati s-servizzi tas-CRPD għall-persuni b'diżabilità, il-familji tagħhom u persuni li jagħtu l-kura li jgħixu f'Għawdex.

Minbarra li tipprovdi informazzjoni u servizzi relatati mad-diżabilità, il-fergħa ta' Għawdex tas-CRPD tippromwovi wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità billi torganizza sessjonijiet ta' informazzjoni, taħriġ dwar l-ugwaljanza fid-diżabilità, programmi edukattivi u konferenzi.

Matul is-sena 2020, minħabba l-pandemija ta' Covid-19, il-programmi edukattivi tal-iskola miżmuma għall-istudenti fil-year 6 (# NikbruFlimkien), fil-year 7 (It's Ability Not Disability) u fil-year 8 (Together we can do so much) ma setgħux jiġu mogħtija, inkluż dawk ippjanati li jiġu introdotti fl-iskejjel tal-knisja primarja matul l-2020.

***Il-fergħa ta' Għawdex tas-CRPD tippromwovi wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità billi torganizza sessjonijiet ta' informazzjoni, taħriġ dwar l-ugwaljanza fid-diżabilità, programmi edukattivi u konferenzi.***

Madankollu, servizzi bħall-EU Disability Card u applikazzjonijiet tal-Blue Badge, ir-riċeviment u l-investigazzjoni ta' lmenti dwar diskriminazzjoni, ksur tal-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs u ksur tad-drittijiet komplew jiġu offruti.

Il-kors tal-ECDL organizzat mis-CRPD għall-Għawdxin b'diżabilità kompla wkoll b'sessjonijiet online, u pprovda ambjent ta' tagħlim aktar sigur għall-istudenti tagħna. Il-konferenza annwali ta' Għawdex dwar id-diżabilità ppjanata għar-rebbiegħa 2020 ġiet posposta wkoll u saret online f'Jannar 2021, b'enfasi fuq l-impjiegi u d-diżabilità f'Għawdex.



*Ritratt ta' Therese Debono*

# Webinars tas-CRPD

Il-bidu tal-pandemija COVID-19 fisser li l-Kummissjoni kellha taħseb mill-ġdid numru ta' konferenzi li kienu ppjanati għall-2020. Uħud minn dawn kellhom jiġu posposti filwaqt li oħrajn ġew trasferiti onlajn.

## Intersecting Identities: Intersectionality in the Disabled Community – 20 ta' Ottubru 2020

Il-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà flimkien mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ospitat webinar li kien maħsub biex joħroġ fid-dawl sfidi soċjoekonomiċi li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità meta n-narrattiva tagħhom tiltaqa' ma' esperjenzi oħra li jistgħu jkunu ffaċċjati bihom.

L-għan tal-webinar kien li jiffaċilita numru ta' rakkomandazzjonijiet fuq livell ta' policy mmirati li jiżguraw l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità, anke jekk dawn il-persuni jistgħu jesperjenzaw iżjed minn minoranza waħda.

Il-webinar attendew għalih partijiet interessati (dawk li jużaw is-servizzi, dawk li jipprovdu s-servizzi, riċerkaturi u akkademiċi) fis-setturi soċjali u ekonomiċi, inkluż dawk li x-xogħol tagħhom jiffoka fuq kwistjonijiet ta' diżabilità, kwistjonijiet ta' sess u sesswalità, tranżizzjonijiet relatati maż-żgħażagħ, l-anzjani, reliġjon u diversità etnika, migrazzjoni, faqar u esklużjoni soċjali.

In-narrattiva tal-webinar kienet minsuġa madwar l-istejjer ta' tliet persuni b'diżabilità li jirrappreżentaw ukoll tliet gruppi ta' minoranza oħra: sess, orjentazzjoni sesswali u etniċità.

Dawn il-persuni tkellmu mhux biss f'isem persuni oħra li jappartjenu wkoll għall-gruppi speċifiċi tal-minoranza tagħhom iżda wkoll f'isem il-persuni kollha b'diżabilità li għandhom identitajiet kumplessi magħmula minn sfumaturi, interessi, aspirazzjonijiet u dawk l-aspetti kollha li jagħmlu lilna bnedmin.

Il-webinar kien strutturat madwar l-istejjer tan-nies, biex iwassal il-kumplessitajiet u l-umanità tal-identità ta' persuna. Diskussjoni li, il-Kummissjoni tħoss, kienet ilha biex issir.

Il-webinar ġie indirizzat ukoll minn Mark Vicars, Associate Professor fil-Kulleġġ tal-Arti u l-Edukazzjoni, Università ta' Victoria, Melbourne li għamel diskors ewlieni elokwenti.









## In search of community inclusion: young people with disabilities and relationships Webinar 1: The Friendships of Young People with Disabilities

Din is-serje ta' webinars tikkunsidra l-importanza għaż-żgħażagħ b'diżabilità biex irawmu tipi differenti ta' relazzjonijiet bħala mod kif tinkiseb l-inklużjoni fil-komunità. L-enfasi hija fuq iż-żgħażagħ, peress li din hija l-fażi fil-ħajja meta jiġu stabbiliti konnessjonijiet dejjiema ma' nies barra l-familja - billi trawwem ħbiberiji u tip ieħor ta' relazzjonijiet – li hija partikolarment importanti.

It-twaqqif ta' ħbiberiji huwa mod importanti - iżda spiss injorat - biex jiġi żgurat li persuni b'diżabilità jipparteċipaw fil-komunitajiet tagħhom fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Fl-ewwel tliet webinars, iddiskutejna l-ħbiberiji ta' żgħażagħ b'diżabilità, x'opportunitajiet għandhom biex jagħmlu ħbieb u jrawmu relazzjonijiet ma' ħbiebhom, u liema fatturi huma ta' ostakli għall-ħbiberija.

L-ewwel webinar sar fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità, b'żewġ webinars oħra ppjanati għal Marzu u Ġunju 2021, li jiffukaw fuq is-sesswalità u l-parenting.

Is-serje ta' webinars hija organizzata mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD); id-Dipartiment tal-Istudji dwar id-Diżabilità, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, Università ta' Malta; u Opening Doors Malta. Il-webinars kollha huma strutturati u ispirati minn wirjiet ta' teatru, żfin u mużika minn Opening Doors Malta. Minħabba l-pandemija COVID-19, dawn ġew iffilmjati u murija onlajn waqt il-webinar.

# Kampanji ta' Għarfien tas-CRPD



Maja Theuma
*Ritratt ta' Darrin Zammit Lupi*

## Different is Normal

Din il-kampanja fotografika kellha l-għan li żżid il-viżibilità tal-persuni b'diżabilità billi turihom qed jagħmlu dak li l-aktar jieħdu gost jagħmlu fil-ħajja ta' kuljum.

Ikkummissjonata mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), il-kampanja Different is Normal kienet tikkonsisti f'sett ta' 12-il ritratt individwali ta' persuni b'diversi nuqqasijiet involuti f'attivitajiet bħaż-żfin, teatru, għawm, ġinnastika, sprint u bowling.

Ritratti oħrajn jinkludu nies qed jaħdmu fuq l-aspirazzjonijiet tagħhom: żagħżugħ jistudja biex isir kok; oħrajn juru mumenti ta' kuljum bħal omm tilgħab ma' bintha jew mara tippassiġġa ma' żewġha.

Ir-ritratti, miġbuda mill-fotografu rebbieħ ta' premju Darrin Zammit Lupi, inkludew firxa ta' nuqqasijiet fiżiċi u intellettwali bħal spina bifida, Down Syndrome, nuqqas ta' smigħ u ta' vista, ADHD u awtiżmu, għandhom l-għan ukoll li jiftħu tieqa diretta fuq il-ħajja ta' persuni b'diżabiiltà, li jpoġġu l-istejjer individwali tagħhom fiċ-ċentru.

F'Malta, hemm kważi 20,000 persuni b'diżabilità reġistrati mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Madankollu, persuni b'diżabilità huma fil-biċċa l-kbira assenti minn stampi, TV, politika, u tmexxija. Filwaqt li saru passi kbar, l-istampi ta' persuni b'diżabilità fl-isfera pubblika għadhom fil-biċċa l-kbira inviżibbli, bi ftit persuni b'diżabilità jieħdu rwol attiv fil-ħajja pubblika.

Din il-kampanja ppruvat timla l-vojt fir-rappreżentanza pubblika. Ir-ritratti dehru b'mod wiesa' fil-midja u ntwerew ukoll fuq numru ta' bus shelters.

## Fi Kliemna 2

Wara s-suċċess ta' Diżabilità Astrofiżika, li kellha aktar minn 21,000 view fuq facebook, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) ħarġet sejħa oħra għal parteċipanti biex jieħdu sehem fil-ħolqien ta' filmat li jikkontesta perċezzjonijiet dwar id-diżabilità.

Bħalma ġara fl-ewwel kampanja, il-proċess kien jinvolvi attendenza f'sessjonijiet darba fil-ġimgħa li damu numru ta' xhur, li bdew mill-aħħar ta' Jannar 2020. Matul l-ewwel ftit xhur, saru workshops kreattivi biex jiġu esplorati stili differenti ta' kitba, bini ta' karattri u reċtar. Dan kien segwit minn perjodu ta' kitba ta' skripts, il-ħolqien ta' skript u r-reċtar tiegħu. Il-proċess tmexxa mill-produttur magħruf tal-midja Jon Mallia.

Il-filmat se jkun rekordjat u jidher lill-pubbliku fl-2021.



Maria Gauci
*Ritratt ta' Darrin Zammit Lupi*



Annemarie u Matthew Bugeja
*Ritratt ta’ Darrin Zammit Lupi*

## COVID-19 u l-Effetti Tagħha fuq Persuni b’Diżabilità

Wara l-bidu tal-pandemija COVID-19, is-CRPD ikkummissjonat numru ta’ filmati biex juru l-ħajja ta’ persuni b’diżabilità waqt il-pandemija COVID-19 u biex ifakkru lil dawk li jfasslu policies li persuni b’diżabilità kellhom jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet kollha.

## Jum Internazzjonali tal-Persuni b’Diżabilità

Kull sena fit-3 ta’ Diċembru, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) tingħaqad mal-bqija tad-dinja biex timmarka l-Jum Internazzjonali ta’ Persuni b’Diżabilità. Din is-sena, il-Kummissjoni adottat it-tema tan-Nazzjonijiet Uniti - Mhux id-diżabilitajiet kollha huma viżibbli - li għandha l-għan li toħloq aktar għarfien dwar diżabilitajiet inviżibbli.

“Huma n-nies li jistħoqqilhom rispett - mhux il-bastun abjad, il-krozza, l-apparat tas-smigħ, il-blue badge jew is-siġġu tar-roti,” qal il-Kummissarju tas-CRPD Oliver Scicluna f’messaġġ biex jimmarka l-Jum Internazzjonali tal-Persuni b’Diżabilità 2020.

“Il-bastun abjad, il-krozza, l-apparat tas-smigħ, il-blue badge, is-siġġu tar-roti u apparat ieħor huma sinjal ċar li persuna għandha diżabilità. Ħafna persuni ma jużawx dawn il-mezzi ta’ assistenza, madankollu, xorta għandhom diżabilità,” huwa qal.

“Sfortunatament is-soċjetà tgħix bi sterjotipi li ħafna drabi jwasslu għal preġudizzji. M’għandniex inkunu influwenzati minn preġudizzji. Soċjetà inklużiva hija mibnija fuq ir-rispett reċiproku mingħajr il-ħtieġa li persuni jiddikjaraw id-diżabilitajiet tagħhom.”

Mal-Kummissarju ngħaqad ukoll il-Prim Ministru Robert Abela li tkellem dwar is-settur tad-diżabilità u kif dan ġie milqut mill-pandemija COVID-19.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech wiegħed ukoll l-appoġġ tiegħu. Il-Kummissjoni organizzat ukoll kampanja tal-midja madwar din it-tema.






Samuel Farrugia
*Ritratt ta’ Darrin Zammit Lupi*




CRPD

CRPD.ORG.MT



# Il-Preżenza Diġitali tas-CRPD

Fl-aħħar tal-2020, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) nediet il-websajt aċċessibbli l-ġdida tagħha, li tirrifletti s-settur dinamiku tad-diżabilità.

Il-websajt il-ġdida hija aktar faċli biex tinnaviga, bi tqassim sempliċi u stampi kbar, iddisinjati bil-ħtiġijiet varji ta' min jużaha. Tipprovdi kontenut aġġornat dwar ix-xogħol imwettaq mill-Kummissjoni, l-istruttura tagħha, il-proġetti, l-avvenimenti li ġejjin u informazzjoni utli oħra. Tipprovdi wkoll links diretti max-xogħol ewlieni tas-CRPD, bħal talba għal investigazzjoni dwar allegat diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità jew ir-rappurtar ta' infrastruttura mhux aċċessibbli.

L-istil modern tad-disinn tagħha, inkluż ritratti reali ta' persuni b'diżabilità f'Malta u Għawdex, jipprovdi wkoll dehra ġdida għas-settur tad-diżabilità f'Malta u Għawdex. Il-websajt tipprovdi wkoll informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar is-settur tad-diżabilità b'mod ġenerali. Il-websajt il-ġdida għandha l-għan li sservi kemm bħala vetrina għax-xogħol tal-Kummissjoni iżda wkoll bħala punt ta' dħul għal dawk li jużawha li qed ifittxu kontenut aġġornat u rilevanti dwar is-settur tad-diżabilità f'Malta u Għawdex.

"Il-websajt il-ġdida tas-CRPD tippromwovi stampa moderna għas-settur tad-diżabilità, u tenfasizza r-rikkezza u d-diversità li d-diżabilità ġġib magħha. Tpinġi r-rwol tal-Kummissjoni bħala l-korp regolatorju nazzjonali għad-diżabilità f'Malta u Għawdex filwaqt li tenfasizza wkoll l-umanità li tinsab fiċ-ċentru ta' xogħolna," qalet il-Kummissarju tas-CRPD Samantha Pace Gasan.

Il-websajt hija fi stat ta' work in progress u se jkun fiha aktar kontenut, inkluż stejjer tal-ħajja ta' kuljum ta' persuni b'diżabilità.

Is-CRPD ħadmet ukoll biex iżżid il-preżenza tal-midja soċjali tagħha permezz tal-kanali diġitali tagħha, inkluż Facebook, Instagram, Twitter, Linkedin u Youtube.

# Allokazzjoni Finanzjarja u Staff Reklutat

Is-CRPD ġiet allokata baġit tal-Gvern ta' EUR 1,240,000 fl-2020.

L-impjegati hawn taħt ingħaqdu mas-CRPD fl-2020:

**Josette Azzopardi**
*Investigations Team*
*detailed mis-Servizz Pubbliku*

**Mario Borg**
*DET*
*seconded min-National Statistics Office*

Is-CRPD kienet ukoll rappreżentata fuq il-Bordijiet hawn taħt:

ACCESS (Disability Committee UM)
Blue Badge Appeals Board
Car Registration Tax Exemption Board
Empowerment Board
Equinet
FITA
Foundation for Tomorrow's Schools
FSWS
Housing Authority Scheme 7
Housing Authority Board
ITS Admissions
Jobsplus
Joint Technical Committee CEN-CENELEC/ JTC 11 "Accessibility in the built environment" prEN 17210
Lino Spiteri Foundation
MCAST
NCFHE
NSO PAF Board
Paralympic Committee
PEKTUR
Planning Authority's Users Committee *(jiddiskuti proċeduri adottati mill-Awtorità)*
RCABS Board
Reserved Parking
Road Safety (Transport Malta)
SAC Board
Statementing Appeals Board
Transport Malta
The Council and the Senate (UM)

# Konferenzi Internazzjonali

Dawn huma uħud mill-konferenzi internazzjonali li rappreżentanti tal-Kummissjoni attendew fl-2020:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Casablanca / Marokk | UN Development Conference on ICF Changeover | 20/01/2020 | Physical |
| Żagreb / Kroazja | EU - Participation of women in the labour market – benefit to society | 30/01/2020 | Physical |
| USA / Svizzera | UN and WHO - Covid-19 and Disability - A UN response - Persons with disability cannot be left behind | 15/04/2020 | Online |
| Brussell | EDF Lockdown measures during COVID-19: how it affects persons with disabilities | 21/04/2020 | Online |
| Brussell | The Istanbul Convention: preventing and combating violence against women and girls with disabilities | 08/05/2020 | Online |
| Brussell | EDF COVID-19, women with disabilities and employment | 14/05/2020 | Online |
| Brussell | EDF Human Rights violations of persons with disabilities during COVID-19 | 18/05/2020 | Online |
| Brussell | European Commission: Stakeholders Consultation The Future European Disability Strategy | 08/07/2020 | Online |
| Brussell | Why is the EU still investing in institutions for disabled people? | 21/09/2020 | Online |
| Brussell | EDF Advocating for strong national adoption of the European Accessibility Act | 30/09/2020 | Online |
| New York | UN Covid Seminar | 21/10/2020 | Online |
| Brussell | Concluding meeting with Commissioner Dalli on the new Strategy on the Rights of Persons with Disabilities - DG Employment, Social Affairs and Inclusion | 11/11/2020 | Online |
| Ġermanja | European Inclusion Summit - The Federal Government Commissioner for Matters relating to Persons with Disabilities | 17/11/2020 | Online |
| Franza | UNESCO International Symposium on inclusive education for learners with disabilities | 27/11/2020 | Online |
| USA | Queering the COSP. An Intersectional Inclusive Perspective: LGBTI persons with disabilities and their rights - UN Conference of States Parties on the CRPD | 30/11/2020 | Online |



*Ritratt ta' Therese Debono*